Zerafa kellu qalbu tajba, ihobb hafna lil-ohtu Guzeppinau lil-uliedha, u peress li kelliha hafna tfal kien ta' ghajnuna kbira ghaliha. Niftakar li meta darba kien marid, kont hadtlu sitt pasti f'kaxxa, u meta mort narah qalli"X'ghandek f'dik il-kaxxa, Guz?" u meta ghedlu li pasti, qalli "U le..jien m'inhix t'hekk..."

Miet fit-18 ta' Frar, 1967 ta' 85 sena mibki mill-familja tieghu kollha, flimkien ma' numru kbir ta' hbieb. Saritlu quddiesa prezenti katavru fil-knisja ta' Kristu Re fir Rahal Gdid u difnuh fil-qabar tal-familja fic-cimiteru ta' l-Addolorata.

---

Nota: Din is-sena qed tidher numru doppju/harga doppja ta' l-Imnara, minhabba li l-Ghaqda tal-Folkoor ghalqet 25 sena mit-twaqqif taghha.

---

Il-Bibljografija li normalment tidher f'kull harga ta' l-Imnara, f'din il-harga m'hix qed tidher, minhabba nuqqas ta' spazju, izda ser tinzamm ghal-harga ohra. Dan japplika wkoll ghan-notamenti dwar attivitajiet mill-Ghaqda tal-Folklor.

---

L-Illustrazzjonijiet bil-kulur li jidhru fil-pagni 35 u 47 gew stampati bi prezz imnaqqasm mill-Image Sustems, Valletta.

---

Biex nohorgu l-Imnara, ukoll fil-format li tidher bhalissa, tirrikjedi hafna spejjez, ghalhekk nitolbu lill-membri biex igeddu s-shubija taghhom (£m1 fis-sena) ghall-1990. Ma nixtiequx li wiehed jitlob l-Imnara biss minghajr ma' jissieheb fl-Ghaqda, ghax inkella ma' jkunx qed jghina.

---